MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2081/2002

**Lisa Meredith**
**vs**

**Luciano Mirabitur**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attrici fit-30 t'Awissu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm420.00), rapprezentanti flus mislufa lill-konvenut mill-attrici f'seba' pagamenti ta' sittin lira Maltin (Lm60.00) il-wiehed fix-xahar, minn Awissu tas-sena 2001 sa' Marzu tas-sena 2002, liema somma hija certa, likwida u dovuta;**
**Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fis-27 ta' Settembru, 2002, li fiha qalet illi t-talbiet attrici**

**ghandhom jigu michuda stante li l-eccipjenti qatt ma ssellef flus, kif qed jigi allegat fl-avviz odjern;**
**Bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta’ Silvio Vella, Jim Galea, Lisa Meredith, Susanne Vella u Luciano Mirabitur. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi f’din il-kawza l-attrici qed titlob il-hlas ta’ erba’ mija u ghoxrin lira Maltija (Lm420.00), rapprezentanti flus mislufa lill-konvenut mill-attrici f’seba’ pagamenti ta’ sittin lira Maltin (Lm60.00) il-wiehed fix-xahar, minn Awissu tas-sena 2001 sa’ Marzu tas-sena 2002. Il-konvenut qed jghid li qatt ma ssellef flus.**
**2. Susanne Vella kkonfermat li l-attrici, li tigi bintha, kienet silfet flus lill-konvenut sabiex jixtri “jet ski”. Meta tterminaw ir-relazzjoni li kellhom, f’Marzu 2002, ix-xhud kellmitu u hu qal li ma kellux flus. Ghalhekk issuggeritlu jbiegh il-“jet ski”, pero` hu ma riedx, u accetta li jhallas f’rati mensili, pero` baqghu ma sarux pagamenti.**
**3. Fl-istess sens li l-flus huma dovuti mill-konvenut lill-attrici, xehed Silvio Vella li l-konvenut kien jahdem mieghu. Din id-deposizzjoni trid tittiehed fl-isfond tal-parentela. Pero` bazikament ix-xhud jghid li kien avvicina lill-konvenut, u jghid li dan kien qallu li meta jkollu l-flus jaghtihomlha.**
**4. Ix-xhieda ta’ Jim Galea ghandha anqas piz in kwantu dan illum johrog ma’ l-attrici, pero` in generali li jirrizulta huwa li l-attrici kienet qed tghaddi lill-konvenut sittin lira fix-xahar.**
**5. L-attrici kkonfermat li l-konvenut ried jixtri “jet ski” li kien ser jithallas b’rati ta’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm125.00) fix-xahar. Il-konvenut kien talab lill-attrici biex tghinu fil-pagamenti, u hi accettat li tghinu bil-patt li jekk l-gherusija tithassar kellu jaghtiha l-flus lura. Fi kliem l-attrici in kontroezami hi qalet:**
**“Jiena kont ghamiltlu patt u kundizzjoni li meta ninfirdu l-flus irridhom lura.”**

**Kienet taghtu pagamenti ta' sittin lira fix-xahar minn Awissu 2001 ghall seba' xhur. F'April, 2002 infirdu u hi talbitu l-hlas u l-konvenut qalilha li ma kellux flus.**

**6. Il-konvenut isostni li kellhom jaqsmu l-hlas tal-"jet ski" bejniethom. L-attur jaghmel referenza ghall-kirja ta' flat li hu u l-attrici kienu allegatament krew flimkien u jghid li m'ghandhix jaghti il-flus lill-attrici ghax ghandu jiehu nofs il-flus li hallas tal-kirja tal-flat. It-Tribunal jinnota li dan ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz odjern, la ma saret xi kontro-talba f'dan is-sens, u lanqas ma jirrizulta li hemm xi kawza pendenti fir-rigward. Ghalhekk it-Tribunal ma jistghax jaccetta dan l-argument li qed iressaq il-konvenut. Apparti minn hekk it-Tribunal irraviza certi inkonsistenzi fid-deposizzjoni tal-konvenut, anke dwar l-ammonti li jallega li saru.**

**7. Mill-kumpless tal-provi, jirrizulta li dan il-jet ski llum jinsab ghand il-konvenut, u jirrizulta li l-attrici tassew ghamlet dawk il-pagamenti biex tghin lill-konvenut biex jixtri il-jet-ski. Pero` jirrizulta wkoll li dawn il-flus kienu qed jigu mislufa lill-konvenut taht kundizzjoni li jekk jinfirdu jinghata lilha lura s-sehem li tkun hallset. Jirrizulta soddisfacentement pruvat li fil-fatt l-attrici effetwat seba' pagamenti ta' sittin lira il-wiehed, li b'kollox igibu total ta' erba' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm420.00), u konsegwentement il-konvenut ghandu jirrifondi lill-attrici s-somma msemmija.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' erba' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm420.00) bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' Settembru, 2002 sal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------